

Juvenes Translatores

PDF generated for translation No.: 208 from student id: 8610

TRANSLATION

Rapport arkeoloġiku: Brussell, 8 ta' Mejju 2095

Arkeologi diġitali kultant isibu xi teżori fil-kobor tal-maħżen ta' informazzjoni fl-Ewropa. Meħud mill-mazz li ma jispiċċa qatt ta' artifatti effimeri li mhumiex katalogati, dan it-test għandu stil li jaġhti ħjiel li nkiteb lejn il-bidu tas-seklu 21, possibbilment anki fuq karta.

L-ewwel biċċa mid-djarju:

Għażiż Djarju,

L-ewwel ġurnata tal-vaganza tagħna bid-dgħajsa fuq is-Sûre fil-Lussemburgu! Qomna maż-żerniq biex naslu fil-punt tat-tluq. Għaxar minuti biex nitgħallmu kollox u wara arana sejr in bil-kenuri!

Lanqas żiffa riħ ma kien hemm hekk kif bdejna ninġarru 'l isfel, kultant ngħaddu minn ħdejn xi sajjied jgħasses lill-flotta tiegħu, jew grupp ta' tfal jaqdfu. Meta sstqarrejti li t-tabelli fuq iż-żewġ naħat tax-xmara kienu jidhru miktuba b'lingwi differenti, il-Pa tbiissem: "Dawk żewġ pajjiżi separati - il-Ġermanja fuq ix-xellug u l-Lussemburgu fuq il-lemin! Tista' tgħid li qed nivvjaġġaw mal-fruntiera!"

L-ewwel nota analitika:

F'dan iż-żmien, kull informazzjoni ġeografika kienet tingħata permezz ta' 'tabelli' tal-metall imwaħħlin mal-arbli. Nistgħu nsibu bosta eżempji ta' dawn fil-mużewijiet.

It-tieni biċċa mid-djarju:

Ma stajtx nifhimha - irrid ngħid, jekk nixtiequ nsiefru rridu mmorru bl-ajruplan jew bil-vapur, imma hawnhekk tista' taqsam għal pajjiż ieħor bla ma turi passaport. Kemm hi sabiħa Schengen!

It-tieni nota analitika:

Schengen kienet fażi bikrija u sinifikanti ħafna meta ġew biex jixxejnu l-fruntieri Ewropej. Il-proċess għall-għaqda fl-Ewropa ħa ħafna żmien u kien kumpless, u kellu jiffaċċja ostakli regolari. Infatti bosta basru li l-għaqda ma kienx se jirnexxilha toħroġ mill-pandemija tal-Covid qawwija u sħiħa.

It-tielet biċċa mid-djarju:

Wara l-lukanda tal-lejl li għadda (vera missejna l-qiegħ!), illejla kont preparat għall-agħar li seta' jinqala', imma għandi l-kamra għalija biss bil-kamra tal-banju b'kollox! Fis-salott, laqqatt ftit Ġermaniż biex nintroduċi lili nnifsi ma' grupp mill-Awstrija li ltqajt miegħu, u f'qasir żmien konna qed inpaċċu bla waqfien.

L-ikel kien tal-ġenn - tajjeb għalija għax kelli ġuħ tal-beati pawli. Imma fi ftit ħin kont qiegħed fuq xfar għajnejja u tlaqt. Allura issa qiegħed hawn, nikteb fid-dawl tal-lampa, ħerqan għall-avventuri ġodda ta' għada fuq l-ilmijiet Ewropej.

It-tielet nota analitika:

Schengen kienet tfigħer mod kif daww li kienu jkunu fuq vaganza setgħu jgawdu x-xmajjar Ewropej għall-awtur mhux maġħruf ta' din il-kitba. Meta nħarsu lura lejn dan is-seklu mqalleb, nistgħu naraw biċ-ċar li l-ħidma fi spirtu ta' għaqda kienet essenzjali biex pajjiżi Ewropej setgħu jiffaċċjaw l-isfidi li kellhom quddiemhom.

Juvenes Translatores

PDF generated for translation No.: 208 from student id: 8610

SOURCE TEXT

Archaeological report: Brussels, 8 May 2095

Digital archaeologists find occasional gems in the vast European information repository. Taken from the mountain of uncatalogued ephemera, this text is written in a style suggesting composition in the early 21st century, possibly even on paper.

Diary fragment 1:

Dear Diary,

Day 1 of our boating holiday on the Sûre in Luxembourg! Up at the crack of dawn to get to the departure point. Ten minutes to learn the ropes and then off we set in our canoes!

There was not a breath of wind as we drifted downstream, sometimes passing an angler staring intently at his float, or a group of children paddling. When I commented that the signs on the two sides of the river looked like they were written in different languages, Dad grinned: "They're two different countries - Germany on our left and Luxembourg on our right! We're navigating pretty much along the border!"

Analytical note 1:

In this period, geographical information was provided in the form of metal panels or 'signs' mounted on poles. Numerous examples can now be found in museums.

Diary fragment 2:

I couldn't get over that - I mean, if we want to go abroad we have to get on a plane or a ferry, but here you can cross to another country without even having to show a passport. The joy of Schengen!

Analytical note 2:

Schengen was an early, and highly significant, stage in the dismantling of European border barriers. European union was long and complex, encountering frequent obstacles. Indeed many predicted that it would not survive the Covid pandemic.

Diary fragment 3:

After last night's hotel (really scraping the bottom of the barrel!), I was prepared for the worst tonight, but I have my own room with its own bathroom and everything! In the lounge, I scraped together enough German to introduce myself to an Austrian group I met, and soon we were chatting away nineteen to the dozen.

Dinner was hearty - fine by me as I had worked up a ravenous appetite. But soon I felt my eyelids drooping and excused myself. So here I am, writing by the light of my bedside lamp, looking forward to new adventures on the waterways of Europe tomorrow.

Analytical note 3:

For the unknown writer of this text, Schengen represented a way for holiday-makers to enjoy Europe's rivers. Looking back on this tumultuous century, it is now clear that working in union was vital for European nations to face the challenges that lay ahead.